**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2017**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 917/2015**

**Marvic Baldacchino**

**vs**

**Silvio Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tad-29 ta' Settembru, 2015 li jghid hekk:

1. Illi l-kontendenti ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) in atti Nutar Dottor Liza Camilleri (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A);

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, Philip li llum ghandu sbatax (17) il-sena u Kathleen ta' hmistax (15) il-sena u ghaldaqstant ghadhom minorenni;

3. Illi skont it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, senjatament klawsola 6(i)), l-konvenut obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' mija u hmistax-il ewro (€115) bhala manteniment ghall-martu, l-esponenti, kull xahar bil-quddiem, kif ukoll tlett rnija u trnienja u disghin ewro (€398) kull xahar bil-quddiem bhala manteniment ghat-tfal minuri tal-partijiet, liema manteniment jibqa' dovut anke wara li l-ulied jaghlqu l-eta ta' tmientax-il sena (18) kemm-il darba jkomplu bl-istudji terzjarji taghhom, u diment illi r-residenza taghhhom tkun mal-esponenti, jew sakernm jaghlqu l-eta ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, skont liema avveniment isehh l-ewwel u dan ai termini tal-klawsola 6(i)(b) tal-istess kuntratt;

4. Illi skont klawsola numru tlettax (13) tal-istess kuntratt, parti mill-manteniment dovut lill-esponenti bhala manteniment ghaliha gie kapitalizzat u mhallas mill-

konvenut mal-iffirmar tal-istess kuntratt, b'dan illi hamsa u erbghin ewro (€45) fix-xahar mill-manteniment gew kkapitalizzati ghal zmien ghaxar (10) snin u mhallsa fl-ammont ta' hamest elef u erba' mitt ewro (€5,400). Ghaldaqstant, il-manteniment prezentement dovut lir-rikorrenti huwa fl-ammont ta' sebghin ewro (€70) fix xahar; Illi skont klawsola numru 6(i)( d), il-manteniment fuq stipulat kemm dak tal-esponenti, kif ukoll tal-minuri ghandu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;

5. Illi l-konvenut naqas milli jhallas kwalsiasi zieda fl-gholi tal-hajja ai termini tal-kuntratt surreferit u ghaldaqstant tali zieda hija dovuta fl-intier taghha mill-konvenut favur l-esponenti ghall-manteniment taghha kif ukoll dak ta' wliedha;

6. Illi l-manteniment li hallas il-konvenut qatt ma zdied skond l-gholi tal-hajja u ghalhekk sal-prezentata ta' din il-kawza l-arretrati fil-konfront tal-manteniment tal-esponenti u tal-minuri jammontaw ghal elfejn, erba' mija sitta u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,456.85);

7. Illi f'kawsola numru 6(i)(e) tal-kuntratt surreferit, il-konvenut kien obbliga ruhu illi jibqa' jhallas l-manteniment pattwit fl-intier tieghu, anke jekk l-esponenti martu jkollha dhul indipendenti, inkluz impjieg fuq bazi full-time;

8. Illi oltre l-manteniment dovut hekk kif elenkat, fl-istess kuntratt ta' separazzjoni ai termini tal-klawsola 6(ii)), il-konvenut obbliga ruhu illi jhallas I-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tal-minuri, inkluz l-mizati tal-iskola, l-ispejjez medici straordinarji, u l-ispejjez ta' attivitajiet extrakurrikulari tal-minuri;

9. Illi l-konvenut hallas il-mizata tal-iskola sat-tieni term tas-sena 2012/2013, u konsegwentement Qatt ma hallas aktar il-mizati kif ukoll ebda pagamenti ohra illi huwa obbligat li jaghmel ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, u sal-prezentata ta' din il-kawza huwa dovut ihallas l-ammont ta' wiehed u hamsin elf, mija u wiehed ewro u tlieta u hamsin centezmu (€51,101.53) kif indikat fil-prospett guramentat (anness u mmarkat Dok. B);

10. Illi l-konvenut minkejja illi gie interpellat diversi drabi inkluz b'ittra ufficjali datata 17 ta' Lulju 2014 (annessa u mmarkata Dok. C) sabiex jaghmel dawn il-hlasijiet, baqa' inadempjenti. Illi l-konvenut dejjem ammetta l-obbligi tieghu, izda minkejja illi dejjem jipprometti li ha jhallas huwa qatt ma wasal biex jaghmel l-ebda pagament;

11. Illi l-konvenut jidher li mhuwiex jikkonsidra u jaghti kaz l-edukazzjoni u l-futur tal-rninuri meta jippersisti illi ma jaghmilx il-hlas dovut minnhu, u dan anke in vista tal-fatt illi l-esponenti ma ghandhiex il-mezzi sabiex tibqa' thallas il-mizati hi;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet surreferiti, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' wiehed u hamsin elf, mija u wiehed ewro u tlieta u hamsin centezmu (€51,101.53) jew somma ohra verjuri rapprezentanti l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tal-minuri, inkluz l-mizati tal-iskola, l-ispejjez medici straordinarji, u l-ispejjez ta' attivitajiet extrakurrikulari tal-rninuri hekk kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) in atti Nutar Dottor Liza Camilleri;

2. Tordna lill-konvenut ihallas is-sornma ta' elfejn, erba' mija sitta u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,456.85) jew somma ohra verjuri rapprezentanti l-arretrati (mis-sena 2010) ta' zieda fil-manteniment skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

Illi l-antecedenti ikkontemplati fil-kawza hawn fuq imsemmija huwa brevement is-segwenti:
a) Illi r-rikorrent jiggestixxi negozju tal-importar tal-karozzi li fiz-zmien tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni kienet trendi bizzejjed sabiex l-esponent assuma l-obbligi hawn fuq imsemmija. Il-garages li minnhom jopera dan in-negozju gew assenjati lill-esponent fil-kuntratt ta' separazzjoni. Jinghad illi ghad hemm dejn fuq is-showroom li jrid ihallas l-esponent;

b) Illi madanakollu, ftit zmien biss wara li ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni, minhabba numru ta' fatturi li fuqhom l-esponent ma kellu l-ebda kontroll, inkluz numru ta' mizuri tal-gvern sabiex isahhu s-suq lokali, is-suq tal-importazzjoni tal-karozzi ma baqax wiehed b'sahhtu bhal ma kien. B'rizultat ta' hekk, in-negozju tal-esponent beda jistagna u minflokk profitt beda jirregistra dejn u dan kif ser jigi ppruvata matul is-smigh ta' dawn il-proceduri;

c) Illi minhabba dan it-telf sostanzjali, il-bank naqqas b'mod drastiku l-facilitajiet li kien ivversa lill-esponent b'dan illi l-overdraft tnaqqas bin-nofs. In oltre, sabiex jissalvagwardja l-intess tieghu, il-bank issuggerixxa illi l-esponent ibiegh wiehed mill-garages illi gie assenjat lilu fil-kuntratt ta' separazzjoni;

d) Illi l-attrici, apparti illi ghamlet dawn l-ispejjez bdiet ukoll iddardar l-ghajn illi tghid illi trid tixrob minnha u dan billi istitwiet numru ta' proceduri legali fil-konfront ta' zewgha li komplew jitfawh lura:
i. Illi l-intimata talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (419/15AF) u dan sabiex izzomm lill-esponent milli ibiegh, jittrasferixxi, jassenja jew b'xi mod iehor jiddisponi jew jaggrava z-zewg garages li gew assenjati lilu fil-kuntratt ta' separazzjoni. B'konsegwenza ta' hekk, l-esponent ma jistax jwettaq dak propost mill-bank u cioe illi jbiegh wiehed mill-garages tieghu sabiex ilahhaq mal-pagamenti;

ii. Illi apparti minn hekk l-intimata talbet u otteniet il-hrug ta-rnandat ta' sekwestru kawtelatorju (418/15) fil-11 ta' Marzu 2015 fl-ammont ta' tmienja u erbghin elf, mitejn u tmien ewro u disghin centezmu (€48,208.90). Jinghad pero illi dan il-mandat ma baqax fis-sehh ghaliex ma saritx il-kawza fit-terminu rikjest mill-ligi;

iii. Illi sussegwentament l-intimata talbet u otteniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor (1539/2015) fl-1 ta' Ottubru 2015 din id-darba fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf, hames mija u tmienja u hamsin ewro u tmienja u tletin centezmu (€53,558.38);

e) Illi minhabba l-mandat ta' sekwestru (1539/2015), l-esponent gie mqaffaf milli jahdem ghaliex, fl-eventwalita pjuttost skarsa li jbiegh vettura, huwa ma jistax idawwar il-vettura f'isem it-terzi kif ikun hemm il-bzonn illi jsir;

Illi in vista tal-fuq espost, in-natura tal-oggezzjoni tal-esponent huma s-segwenti:

Soprasessjoni
1) Illi jigi preliminarjament rilevat illi nhar il-5 ta' Gunju 2015 l-esponent pprezenta ittra ghal finijiet tad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Avviz Legali Nru. 397/2003 fejn huwa talab illi tinfetah il-medjazzjoni sabiex jigi rivedut il-manteniment li ghandu jigi mhallas mill-esponent in vista inter alia tal-kambjament fic-cirkostanzi tal-partijiet u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2011(anness u mmarkat DOK. A);

2) Illi sussegwentament, bis-sahha tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tal-15 ta' Ottubru 2015, (anness u mmarkat DOK. B) fil-hin permess mill-ligi, l-esponent intavola proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Silvio Baldacchino vs Marvic Baldacchino Caruana (256/15RGM) (anness u mmarkat DOK. C) fejn huwa talab inter alia illi l-Qorti tirrevedi l-manteniment pagabbli minnu lill-intimata, ghall-htigijiet taghha personali u/jew ghall-htigijiet tal-minuri, billi tillikwida l-manteniment pagabbli lill-intimata proprio u/jew ghall-minuri, f'somma inferjuri tenut kont tac-cirkostanzi u ragunijiet premessi u rilevanti tal-kontendenti u ta' wliedhom minuri, b'mod partikolari izda mhux limitatament ghal dawk il-bzonnijiet tal-istess ulied minuri, id-dhul attwali tar-rikorrent u dak percepit minnu fid-data tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, kif ukoll id-dhul attwali tal-intimata u dak percepit minnha fid-data tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, u liema revizjoni ghandha ssehh b'effett minn dik id-data li fiha l-Qorti temmen illi kien hemm bdil oggettiv fic-cirkostanzi finanzjarji tal-esponent;

3) Illi ghalhekk, sabiex jigi evitat konflitt fl-ezitu taz-zewg proceduri in vista tal-azzjoni pendenti guddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) - li mill-ezitu taghha tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza odjerna - u in oltre u ghaliex l-imsemmija kawza tista' tinfluwixxi a plania pedis fuq il-meritu tal-azzjoni prezenti jigi umilment sottomess illi hemm lok illi dina l-Onorabbli Qorti tissospendi l-proceduri;

Eccezzjonijiet tal-attrici
4) Illi minghajr hsara ghal fuq espost jigi rilevat illi l-attrici ma ddettaljatx in-natura tal-pretensjoni taghha bl-ircevuti necessarji u ghalhekk l-esponent jirriserva d-dritt tieghu illi jipprovdi ulterjorment dwar daqshekk;

5) Illi di piu l-pretensjonijiet attrici huma ezagerati u numru ta' spizi li ghamlet l-attrici saru inutilment u b'mod immatur sabiex tkompli ssallab lill-esponent li taf illi huwa ilu ghaddej minn problemi finanzjarji serji u dan minkejja illi l-esponent dejjem sostna illi ma ghadux kapaci jhallas. Kull haga li hija qeghda tallega bhala dovut irid mhux biss jigi provdut imma gustifikat.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

L-isfond ta' din il-kawza hi kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-konjugi Baldacchino datat 23 ta' Jannar 2009. Il-kondizzjoni rilevanti ta' din il-kawza hi dik enumerata 6 fl-istess ftehim dwar il-manteniment dovut lil attrici u lil ulied minuri tal-kontendenti kif ukoll spejjez ohra relatati mal-edukazzjoni u spejjez medici u ohrajn konnessi mat-trobbija tal-ulied tal-kontendenti Philip u Kathleen li fiz-zmien ta-separazzjoni kellhom 11 u 9 snin rispettivament.

L-attrici qed tilmenta li zewgha ma onorax klawsola 6(1)(d) li tghid hekk:

> Il-manteniment stabbilit f'dana l-artikolu jizdied kull sena fl-anniversarji successivi ta' dana l-att skond il-kambjamenti fl-gholi tal-hajja kif dawn jirrizultaw mill-indici tal-gholi tal-hajja mizmuma apozitament mill-awtoritajiet kompetenti. Tali revizjoni issir ipso facto u minghajr il-htiega ta' proceduri gudizzjarji.

L-attrici tallega illi zewgha qatt ma hallas iz-zidiet fil-manteniment kif pattwit.

L-attrici tilmenta wkoll illi zewgha ivvjola l-artikolu 6(ii) tal-kuntratt cioe naqas li jhallas l-ispejjez tal-edukazzjoni cioe l-mizati li thallsu biss sat-tieni 'term' tas-sena 1012/2013 u naqas li jhallas ghal kollox cioe wara Lulju 2009 kif kien obbligat l-ispejjez konnessi cioe tal-privat, kotba, affarijiet tal-iskola inkluz uniformijiet, dawk exta kurrikulari cioe ghal lezzjonijiet tal-ghawm, u spejjez ta' tobba u medicini. Hi ghamlet prospett tal-infieq kollu mal-att promotur rivedut fl-affidavit taghha fl-1 ta' Marzu 2016 (fol. 57 tal-process) u ipprezentat dokumentazzjoni li tipprova l-hlasijiet li saru minnha f'zewg master files markati Dok. MC1 u MC2.

Dwar l-obbligu kontrattwali li jinsorgi mill-allegazzjonijiet attrici jigi rilevat is-segwenti artikolu 6(ii) fil-paragrafi rilevanti tieghu:

> Oltre r-retta ta' manteniment stabilita f'dan I-Artikolu, ir-ragel jobbliga ruhhu illi jhallas
> a) l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tal-imsemmija tfal minuri liema spejjez ghandhom jinkludu l-mizati tal-iskejjel, ezamijiet tal-livell sekondarju, tas- Vlth Form, kif ukoll "0 levels," Matsec u A levels, ta' uniformijiet u kotba, ta' stationery, satchels, outings tal-iskola, privatijiet, u sleepovers tal-iskola.

b) l-ispejjez medici straordinarji tal-imsemmija tfal minuri, liema spejjez jinkludu viziti lil tobba, specjalisti, visti ghand it-tobba tal-ghajnejn, dermatalogi jew tal-gilda, u dentisti u medicinali, kif ukoll spejjez tan-nuccalijiet, illi jigu preskritti minn tobba, salv id-dritt tieghu illi jircievi kopja tar-ricevuta meta din tinghata u preskrizzjoni relattiva. Spejjez ta' kura medika fi sptar privata jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti ta' zewg terzi (2/3) mir-ragel u terz (1/3) mill-mara meta din il-kura ma tistax issir fl-Isptar Mater Dei minghajr dewmien.
c) l-ispejjez konnessi mal-ezami u investigazzjoni tat-tfal dwar id-dyslexia jew kondizzjoni simili, kif ukoll tal-privatijiet mehtiega ghall-tfal li jbaghtu minn din il-kondizzjoni.
d) L-ispejjez extra kurriculari tat-tfal minuri illi jkunu miftehma mill-kontendenti jew approvati mill-Qorti kompetenti f'kaz ta' konflitt. Il-partijiet jaqblu minn issa stess li dawn l-ispejjez jinkludu l-ispejjez tal-lezzjonijiet tal-ghawm.

Il-konvenut jilqa' ghal din l-azzjoni billi jissottometti illi l-attrici ma issostantjatx il-pretensjoni taghha b'ricevuti u fil-mertu l-pretensjonijiet attrici huma esagerati ghax ghamlet spejjez ingustifikati u inutili u b'mod immatur biex issallab lil konvenut li mhux kapaci jhallas. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut jallega illi r-ricevuti esebiti mill-attrici mhux mahlufa u ghalhekk din ma tikkostitwix prova valida. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument billi l-affidavit tal-attrici a fol. 58 hu guramentat u fih hemm inkluz l-ammont li l-attrici qed tippretendi u dan jinghad bil-gurament taghha. Ir-ricevuti li jissostanzjaw din il-pretenzjoni guramentata gew esebiti aktar tard. Ma hemmx bzonn li r-ricevuti jkunu guramentati izda biss li l-ammont hemm inkluz u pretiz gie minfuq mill-attrici u dan bil-gurament tal-istess attrici kif fil-fatt sar permezz tal-affidavit taghha.

Fil-mori tal-proceduri u b'verbal tal-14 ta' Frar 2017, il-konvenut iddikjara li mhux jikkontesta l-pretensjoni dwar il-mizati izda ghalkemm irrikonoxxa li kien hemm ammont dovut in kwantu z-zieda mitluba in konnessjoni mal-manteniment, talab zmien biex jiddikjara kemm fil-fehma tieghu kienx dovut. Il-konvenut baqa' ma ghamilx din id-dikjarazzjoni sa tmien il-provi fil-kawza nonostante li b'verbal tad-29 ta' Marzu 2017 rega' tenna l-istess dikjarazzjoni ghalkemm jinghad li fin-nota ta' osservazzjonijiet li ghamel hu irrikonoxxa li l-ammont mitlub qua mizati u zieda fil-manteniment kien dovut tant li l-attrici zbankat is-somma depozitata fil-Qorti €18,589.73. Fuq ordni tal-Qorti biex il-partijiet jiddikjaraw b'nota x'sar mid-depozitu tas-somma fuq indikata l-attrici tirrikonoxxi li hemm is-somma ta' €18,589.73

depozitu fil-Qorti u wara li l-konvenut ma opponix ghall-izbank tas-somma mill-attrici l-istess attrici bdiet il-procedura biex tizbanka tali somma.

Fil-kontroezami li sarlu hu sostna li hallas hafna mill-ispejjez li l-attrici kienet qed tippretendi izda mhux kollox ghax ma setghax ilahhaq mal-ispejjez u in oltre r-ricevuti fil-fehma tieghu ma kienux tajbin. Mitlub jispjega t-tifsira tal-kelma ‘tajbin’ jghid li kien hemm affarijiet printjati, kopji u affarijiet maqtughin bil-biro. Il-konvenut gie mitlub mill-Qorti jqis ir-ricevuti kollha esebiti u jaghmel dikjarazzjoni dwar dak li hu hallas u jekk ma thallsux, ir-raguni ghal dan. Il-konvenut naqas li jaghmel dan sa meta ghalqu l-provi. B’nota tat-30 ta’ Gunju 2017 il-konvenut spjega li kien lest ihallas spejjez ta’ kotba tal-iskola in konnessjoni ma’ suggetti li kienu jitghallmu; ikkuntesta l-ispejjez ta’ book/booklets; lest ihallas biss spejjez tal-ghawm skont dak li jirrizulta mill-ftehim ta’ separazzjoni, u ikkontesta xiri ta’ uniformijiet, stationery u satchels, u lezzjonijiet ta’ privat. Dwar spejjez ta’ tobba u medicini kien lest li jhallas biss spejjez ta’ nuccalijiet, dermatologi u dentisti li jidhru li huma ghat-tfal u xejn aktar. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet il-konvenut daha f’certu dettall li ser jittiehed in konsiderazzjoni f’din is-sentenza.

Il-Qorti mhux ser tidhol fil-mertu ta’ kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjoni personali tal-partijiet sew dawk finanzjarji jew dawk li insorgew wara l-kuntratt li ikkrejaw atrit bejn il-kontendenti u wliedhom ghax dan mhux l-iskop ta’ din il-kawza. Il-kawza, kif gia inghad iddur madwar l-adempiment jew in-nuqqas ta’ adempiment ta’ obbligi kontrattwali tal-konvenut rizultanti minn kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet.

Hemm diversi partiti li dwarhom l-attrici qed tilmenta li l-konvenut naqas li jaderixxi ruhhu ma’ dak li hu obbliga ruhu u ser jigu trattati wahda wahda. Nonostante n-nuqqas ta’ difiza serja da parti tal-konvenut li ma issostanjax bl-ebda mod is-sottomissjonijiet kontenuti fir-risposta guramentata jew waqt il-kawza izda biss fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali, il-Qorti xorta hi obbligata illi tifli l-provi attrici ghax wara kollox hi l-attrici li ghandha l-obbligu li tipprova fuq bilanc ta’ probabilitajiet dak li qed tallega u tqis ukoll l-oggezzjonijet tal-konvenut.

**Mizati tal-iskola**

L-attrici qed tghid li mill-ahhar semestru 2013 sad-data tal-prezentata tal-kawza l-konvenut naqas li jhallas il-mizati tal-iskola tat-tfal minuri ammontanti ghal €16,133.23 (ara fol. 21 tal-process). Dan l-obbligu jinsorgi minn artikolu 6(ii)(a) tal-kuntratt ta' separazzjoni. Il-konvenut kif gia ntqal aktar qabel, ma jopponix ghal din it-talba u l-attrici qed tizbanka din is-somma mic-cedola depozitata fil-Qorti. L-attrici ipprezentat prospett aktar ricenti li jmur oltre din id-data pero l-Qorti hi marbuta mat-talbiet attrici u ma ghandhiex il-jedd li takkorda aktar milli intalab ghax tinkorri fl-ultra petita.

**Mizati tal-privat**

Dan l-obbligu wkoll jinsorgi minn qari tal-artikolu 6(ii)(a) tal-kuntratt ta' separazzjoni. L-attrici tispjega illi l-wlied li llum qed jattendu studju post sekondarji f'Malta nghataw privatijiet minhabba li ghandhom bzonn ghajnuna fl-istudju in parti dovuti ghal problem ta' sahha. Il-Qorti ssib illi l-kondizzjni 6(ii)(a) mhix marbuta ma' ebda limitu bhala ammont ghalkemm tqis illi l-ispiza ghal privatijiet barra li trid tigi ppruvata trid ukoll tkun ragonevoli ghac-cirkostanzi u filwaqt li l-konvenut ma ghandux jonqos mill-obbligu tieghu, l-attrici ma ghandhiex tabbuza mid-dritt koncess bil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-privat ghandu jitqies fl-isfond tal-utilita ghat-taghlim tal-ulied biex javvanzaw fl-istudju u jsahhu fejn ikunu batuti. Il-konvenut waqaf ihallas dawn l-ispejjez minn Awwissu 2009 u dan mhux kontradett mill-konvenut b'xi prova mod iehor. L-attrici ssemmi li wliedha hadu privatijiet f'diversi suggetti tal-iskola u t-tifel ghamel kors fl-ispjanjol u fl-arti, bl-ahhar suggett rilevanti ghal kors ta' spacial design li qed isegwi f'livell post sekondarju. Binha kellu jiehu hafna privat barra mit-taghlim tal-iskola minhabba kondizzjoni ta' sahha fosthom dyslexia u ADD. Hi ziedet li zewgha ma riedx ikun jaf bl-ispejjez tat-tfal wara l-2009 ghalkemm dan hu negat mill-konvenut. L-attrici izzid li l-konvenut kien jaf li t-tfal jiehdu l-privat pero l-privat zdied wara s-separazzjoni specjalment minhabba l-kondizzjoni li minnha kien ibati t-tifel. L-attrici wkoll issostni illi kienet tinfurmah legalment bin-nuqqas tieghu li jhallas ghall-ispejjez pero mill-korrispondenza legali esebiti jidher li wara xi skambju ta' korrispondenza fl-2009, l-attrici reghet bdiet issostni t-talba taghha ghal hlasijiet allegatament dovuti, mill-2013 il-quddiem ghalkemm il-partijiet qatt ma waslu ghal

ebda arrangement. Kien biss wara li l-attrici fethet il-kawza prezenti li l-konvenut beda proceduri ohra biex ivarja l-kondizzjonijet tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Il-Qorti hi konsapevoli illi l-artikolu 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni fejn kien hemm l-obbligu tal-partijiet li jzommu lil xulxin infurmati fuq is-sahha u l-edukazzjoni tat-tfal pero jidher car illi l-atrit bejn il-kontendenti kien tali illi l-komunikazzjoni bejniethom u mill-missier mal-ulied kien wiehed dificli hafna. Fic-cirkostanzi l-Qorti mhix ser tistrieh daqshekk fuq il-fatt jekk il-konvenut kienx konsapevoli o meno tal-ammonti ezatti dovuti u ricevuti li jaghmlu tajjeb ghal hlasijiet. Il-kuntratt jitfa' obbligu ta' hlas fuq il-konvenut ghal certi bzonnijiet tal-ulied minuri pero l-Qorti tghid li dan irid jitqies fil-parametri ta' ragonevolezza. Il-Qorti fliet id-dokumentazzjoni esebita mill-attrici u minghajr prova konvincenti da parti tal-konvenut li l-ammonti ma gewx verament imhallsa mill-attrici jew li saru bla bzonn, tqis li ghandha takkolja t-talba attrici ghal hlasijiet tal-privat ghax kienu necessarji u ragonevoli anki jekk tqis il-lezzjonijet tal-ispanjol li l-ispiza ghaliha hi wahda ferm baxxa billi kien kors tal-Gvern ta' sena.

Ghalhekk il-qorti tqis li l-ammont dovut mill-konvenut ghal privatijiet tal-ulied ghandu jkun ta' €11,148.09 li jkopri l-perodu bejn Awwissu 2009 u Settembru 2015 cioe meta inbdiet il-kawza.

**Lezzjonijiet tal-ghawm**

Dawn il-lezzjonijiet kienu espressament miftehma fil-kuntratt ta' separazzjoni fil-klawsola 6(ii)(d). Hawn ukoll ma hemmx limitu ta' hlasijiet u l-attrici tixhed li wliedha kienu kommessi ghall-ghawm u kienu jmorru spiss ghal dawn il-lezzjonijiet sakemm kellhom jieqfu minhabba li l-istudju ma ppemettilhomx aktar il-hin li jmorru ghall-ghawm. Fil-kontroezami spjegat fil-dettall meta u fejn uliedha kienu jmorru ghall-lezzjonijiet tal-ghawm li kienu gia jattendu ghalihom qabel is-separazzjoni u li baqghet thallsilhom ghax kien l-uniku mezz ta' rilassament ghall-ulied. Id-drabi li kienu jmorru jghumu baqa' l-istess wara s-separazzjoni sakemm waqfu. Il-Qorti filwaqt li taghmel l-istess osservazzjonijiet kif ghamlet f'dak li jirrigwarda l-privatijiet tqis illi l-ammont minfuq mill-attrici ghall-ghawm tal-ulied kien necessarju ghal

benessere psikiku u fiziku tal-ulied. Ir-ricevuti huma indikattivi tal-hlas u l-konvenut ghandu jhallas ghalihom fl-ammont mitlub ta' €7,675.50.

**Bzonnijiet tal-iskola bhal kotba, bagalji u spejjez ohra konnessi ma' attivitajiet skolastici**

Dawn il-hlasijiet huma koperti bil-klawsola 6(ii)(a) li oltre li ma timponix limiti ghal hlas li l-Qorti xorta tqis illi ghandhom ikunu ragonevoli u mhux eccessivi u dan in omagg ghal principju illi l-partijiet ghal ftehim ghandhom jagixxu in buona fede fl-attwazzjoni tal-ftehim. Il-konvenut semma xi rcevuti fin-nota ta' sottomissjonijiet li fil-fehma tieghu huma prova li l-ammonti minfuqa ma kienux gustifikati. Dawn jinsabu a fol. 6 u 7 tan-nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti tqis illi r-ricevuti esebiti hlief ghal parti mir-ricevuta 469 ammontanti ghal €135 li ma jurux l-iskop tal-hlas taghhom, juru hlasijiet ghal bzonnijiet tal-ulied relatati mal-iskola u hu maghruf ghal min ghandu wlied li l-ispejjez huma rikorrenti u kontinwi li mhux irhas. Il-Qorti tqis illi l-konvenut hu obbligat ihallas ghal dawn l-ispejjez 'kollha' (kif deskritt fil-klawsola 6(ii)(a)) hlief l-ammont fuq deskritt ammontanti b'kollox ghal €10,776.01 li jkopru l-perjodu minn Awwissu 2009 sal-prezentata tal-kawza. Il-Qorti tirreferi ghal dak li issottometta l-konvenut fil-lista ta' spejjez li ma qabilx maghhom u tikkunsidra li ma hemm xejn anormali fl-ispiza taz-zraben, kalzetti ghal diversi impenji tat-tfal, basktijiet tal-iskola, tippex li wiehed jinnota intefqu fuq perjodu pjuttost twil, u l-istess jinghad dwar il-pinen u ball pens u stationery u refills. In kwantu ghan-nuccali tal-vista li stettament jidhol fil-parti taht medicini u tobba, l-ammont indikat mill-konvenut ghandu jitqies fl-isfond tar-ricevuta cioe in-nuccali jiswa €200 u l-bqija huma spejjez ta' lenti u spejjez konessi. Il-Qorti tqis li tali spiza hi necessarja u ragjonevoli.

**Spejjez tal-medicini u tobba**

Din il-partita hi koperta bil-kondizzjoni 6(ii)(b) tal-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti tirrimarka f'dan l-istadju illi hu biss fil-klawzola ta' spejjez medici illi l-partijiet assoggettaw l-obbligu tal-hlas mill-konvenut wara prova ta' ricevuta u preskrizzjoni ta' medicini. F'kull kaz iehor fejn il-konvenut hu obbligat ihallas ghall-ispejjez tal-ulied ma hemmx dan l-obbligu. Il-Qorti tqis pero illi l-ahjar prova tal-hlas li tehtieg issir f'kull

kaz mill-attrici hi r-ricevuta tal-hlas, kemm jekk wahda fiskali o meno. F'dan il-kaz l-attrici ipprezentat ricevuti ta' hlasijiet medici li l-konvenut ma ressaq ebda lment jew oggezzjoni materjali ghalihom. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma illi dawn l-ispejjez kienu necessarji ghas-sahha tat-tfal u ghalhekk il-konvenut hu obbligat ihallashom. L-ammont dovut hu ghalhekk ta' €5,234.05 li jkopri l-perjodu bejn Awwissu 2009 u d-data tal-prezentata tal-kawza. Il-konvenut jinsisti li certu spejjez ta' tobba u medicini setghu gew evitati kieku l-attrici ghamlet uzu mis-servizzi ta' tobba tal-Gvern bil-bereg. Il-Qorti ma tqis dan l-argument bhala validu billi l-kuntratt ta' separazzjoni ma jaghmilx tali distinzjoni fuq il-mod kif wiehed jiehu servizz mediku. Li hu importanti hu li li l-ispiza tkun gustifikata u ragonevoli u din il-Qorti ma issibx x'tikkontradici fl-ispiza li saret mill attrici ghal uliedha. L-istess attrici ikkonfermat dawn l-ispejjez bil-gurament taghha.

**Arretrati fil-manteniment ghaz-zieda fl-gholi tal-hajja**

Il-manteniment kellu jizdied kif stipulat fil-kondizzjoni 6(i)(d) tal-kuntratt ta' separazzjoni. L-attrici ipprezentat prospett taz-zidiet li kellhom isiru minn sena ghal sena skond l-indici ta' inflazzjoni sal-2015 (ara Dok. C fol. 24 tal-process). Il-konvenut isostni li hi dovuta z-zieda pero ma qabilx mal-komputazzjoni li saret ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet hu mhux jopponi aktar ghal quantum billi qal lil ma opponiex ghal zbank tal-flus li allegatament sar mill-attrici li jkopri tali awment ammontanti ghal €2,456.85 zidiet dovuti fil-manteniment bejn l-2009 u d-data tal-prezentata tal-kawza. Din is-somma tifforma parti mill-ammont li qed jigi zbankat mill-attrici bic-cedola ipprezentata fil-Qorti.

**Soprasessjoni**

Il-Qorti tqis illi t-talba maghmula mill-konvenut sabiex din il-Qorti tissoprassjedi sakemm tinqata' l-vertenza prezentata mill-konvenut kontra l-attrici biex jigu varjati l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni mhix gustifikata. Il-vertenza tal-konvenut saret wara li l-attrici fethet il-kawza prezenti. Dan minnu nnifsu hu gia inidkazzjoni xejn felici tal-attitudni tal-konvenut, sitt snin wara l-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti tqis illi s-soprasessjoni hi mizura eccezzjonali li twaqqaf proceduri mibdija ghax il-

gustizzja tesigi dan minhabba cirkostanzi li jistghu jinfluixxu b'mod materjali fuq vertenza pendenti. Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz ma tezistix din ic-cirkostanza. Il-kuntratt ta' separazzjoni hu minnu nnifsu titolu u rabta li sakemm ma tigi rexissa jew mibdula hi ligi bejn il-partijiet u ghandha tigi onorata. Il-Qorti tqis illi t-talbiet attrici saru a bazi ta' din ir-rabta kontrattwali li sakemm ma jirrizultax mod iehor ghandha tigi ezegwita u ghalhekk il-Qorti tichad it-talba ghal soprasessjoni.

**Konkluzjoni**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-ammont dovut lil attrici hu ta' €53,423.73 li minnu jrid jitnaqqas is-somma ta' €18,589.73 li l-attrici qed tizbanka mill-Qorti bil-kunsens tal-konvenut li jgib il-bilance dovut ta' €34,834.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet attrici safejn kompatibbli ma' dak deciz, u tikkundanna lil konvenut ihallas lil attrici s-somma komplessiva ta' €34,834 li jkopru l-perjodu sad-29 ta' Settembru 2015, imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur